# IL-ĠNIEN TA' SANTA VENERANDA U L-GRAN MASTRU ANTONIO MANOEL de VILHENA

Tagħrif miġbur minn:
Fr. Joe Calleja

Il-contrada ta' Santa Venera llum hi magħrufa minn kulħadd bħala waħda mill-Parroċċi ta' Malta mwaqqfa fl-1918, immexxija mill-Patrijiet Karmelitani sa mill-1913 din ingħatat f'idejhom mill-Kolleġġjata ta' B'Kara u ġiet maħtura Viċi-Parroċċa. Parti minn din il-*contrada* hi magħrufa bħala Misraħ il-Barrieri, isem li jiġbor fih firxa twila ta' art fuq il-wied li jagħti għall-Imsida. Nixtieq niltaqa ma' xi tagħrif dokumentat dwar l-isem Misraħ il-Barrieri. Meta kmieni din is-sena kienu qed iħaffru fil-pjazza tal-Knisja biex jinbena bini ġdid, deher ċar li fuq il-lemin tal-Knisja kien hemm barriera mirduma bil-laqx tal-ġebel. F'dawk l-inħawi nsibu ismijiet oħra ta' bċejjeċ ta' raba'.

Fuq biċċ' art f'Misraħ il-Barrieri, madwar is-sena 1550, inbniet Knisja ddedikata lil Santa Venera u Martri, magħrufa wkoll bħala Santa Veneranda. Għalhekk dik in-naħa bdiet tissejjaħ bl-isem ta' din il-Qaddisa. Insibu wkoll li l-Knisja ta' l-1550 kellha bżonn terġa tinbena u dan sar fl-1659 u tlestiet fl-1688. Ftit snin wara nbnew ukoll numru ta' kmamar biex fihom ikunu jistgħu jgħixu xi eremiti li ġew minn Sqallija. Il-post kien addattat ħafna għal dan l-iskop għax kien f'nofs oqsma kbar ta' raba' li minbarra l-wied li kien hemm taħtu, kellu wkoll dehra sabiħa tal-baħar ta' Marsamxett. Din is-sbuħija llum intilfet kollha. Il-kmamr inbnew bil-flus ta' Fra Gioacchino Vivas, eremita ta' Kalogeru. Dan ġab miegħu xi eremiti minn Sqallija u ngħaqdu magħhom xi Maltin ukoll. Dawn kienu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof ta' Malta. Il-Knisja minn dejjem kienet biċċa mil-limiti tal-Parroċċa ta' B'Kara. Vivar, li kien Naplitan, kiseb il-kunsens formali ta' dan l-eremitaġġ mingħand l-Isqof Fra Paolo Alpheran de Bussan (1728-1758) fl-1742 u miet hemm fit-2 ta' Ġunju 1749. Aktar tard l-Abate Raffaele Dorell żied xi parti oħra aktar komda ma' dan il-Kunvent. (1) Jidher li Vivas kien midfun f'nofs il-Knisja, imma meta ftit snin ilu nbidel il-paviment, dan il-qabar ġie mgħotti. Il-post baqa' jitfittex minn dawk li xtaqu jgħixu ħajja kemm jista' jkun maqtugħa mid-Dinja. Dawn ma kienux Saċerdoti, iżda dejjem kellhom Saċerdot jaqdihom fil-ħtiġijiet Spiritwali tagħhom. Insibu li fl-1757, l-eremiti kienu tlieta biss u kienu taħt id-direzzjoni Spiritwali tas-Saċerdot Dun Pietru Mifsud. In-numru ta' l-eremiti ma jidhirx li qatt kien kbir u sa l-1764 baqgħu jissejġu l-eremiti ta' San Kalogeru. Fis-sagristija tal-Knisja hemm kwadru ta' dan il-Qaddis. Fis-sena li semmejna, l-eremiti spiċċaw kollha u l-Prepostu ta' B'Kara ried iċedi l-eremitaġġ lil xi Ordni Reliġjuża. Saret xi ħidma biex jingħata lill-Patrijiet Osservanti (Ta' Ġieżu), iżda dan ma seħħx. Għadda ftit taż-żmien ieħor u ppruvaw jagħtuha lill-Patrijiet Ġiżwiti, iżda lanqas dan ma seħħ (2).

Il-Gran Mastru Fra Antonia Manoel de Vilhena (1722-1736) kellu għal qalbu fost l-oħrajn din il-parti tal-Gżira ta' Malta. F'dawk l-inħawi u qrib il-Knisja ta' Santa Venera, bena għalih villa bi ġnien mill-isbaħ magħruf sal-lum bħala Casa Leoni. Meta bena l-Fortizza msejħa għalih fuq il-Gżira ċkejkna ta' Marsamxett, il-Gżira Manoel, hu ried jaddottaha b'fundazzjoni kbira biex ma jonqsux il-mezzi meħtieġa għat-tmexxija tal-Fortizza. F'din il-fondazzjoni nsibu li l-Gran Mastru xtara diversi artijiet fl-inħawi tal-Knisja ta' Santa Venera mingħand il-privat. Biċċa art, imsejħa *Il-Ħamrija,* li kienet ta' Antonia, armla ta' Leonardu Greco, inxtrat fis-7 ta' Settembru 1724. Biċċa art oħra bl-istess isem, proprjetà ta' Orazio De Bono minn Ħ'Attard, inxtrat fit-18 ta' Marzu 1727. Inxtrat biċċa art oħra li kienet ta' Dun Ġwakkin Schembri minn Ħal-Qormi fit-3 ta' Settembru ta' l-istess sena. Biċċa art oħra li tmiss mal-ġnien tal-Gran Mastru, kienet ta' Karlu Garba mill-Belt Valletta. Din inxtrat fl-24 ta' Marzu

1728 (3). Insibu egħlieqi oħra fil-*contrada* ta' San Ġużepp u ta' Santa Venera li fl-1622 kienu ta' l-isptar Santu Spirtu tar-Rabat ta' l-Imdina u wara li għaddew minn ħafna idejn, fl-1727 inxtraw mill-Gran Mastru Manoel għall-Fortizza li semmejna. Dawn l-egħlieqi kienu msejħin *tal-halcha ta' Costantin* (l-għalqa ta' Kostantin u nxtraw fit-22 ta' Diċembru 1728) (4). Il-Kavallier tal-lingwa Ġermaniża, Fra Francesco Sebastiano, Baruni ta' Remchine, kien jidher minflok il-Gran Mastru fil-kuntratti quddiem in-Nutar Gaspare Domenico Chircop.

Quddiem il-Knisja ta' Santa Venera u eżatt wara l-villa tiegħu, il-Gran Mastru de Vilhena kien waqqaf ġnien tawwali b'ħafna siġar, 46 ċelsi u 5 ċipressi. Dan il-ġnein ingħata l-isem ta' Santa Veneranda, filwaqt li l-ġnien tiegħu kien magħruf bħala ta' San Ġużepp, illum il-ġnien pubbliku bl-isem ta' Romeo Romano. Fuq il-lemin qrib il-bieb tal-Knisja, kien hemm ukoll bir li minnu kienu jixorbu wkoll in-nies. Il-Gran Mastru kien ta l-permess lill-eremiti biex jużaw kemm il-ġnien kif ukoll il-bir. Il-ġnien kien magħluq b'ġebel maħdum u aktar tard iċ-ċelsi u ċ-ċipressi tbiddlu f'120 siġra tal-larinġ f'erba' fillieri. F'nofshom saru kanali tal-ġebel biex l-ilma tax-xita tat-triq jidħol hemm ġew u jsaqqi s-siġar. Iż-żejjed kien imur f'ġibjun imħaffer apposta u ibattmat. Ħaseb ukoll biex bena kamrin għall-ġardinar u ġibjetta oħra żgħira. Fuq in-naħa ta' lvant, il-ġnien kien imiss ma' l-art mogħtija lill-eremiti li semmejna b'sitt qasab u nofs, kif ukoll ma' biċċa art tas-Saċerdot Dun Carlo Felici b'erbgħin qasba. U fin-nofsinhar mat-triq li tmiss mal-Fondazzjoni tal-villa tiegħu b'għaxar qasab u nofs. Fuq il-punent u fit-tul kollu tiegħu nsibu triq li tagħti għall-Knisja. Fuq it-tramuntana, b'seba' u nofs, hemm il-pjazzetta ta' quddiem il-Knisja fejn hemm ukoll il-bir li semmejna. Fuq il-bokka tal-bir kien hemm skolpita xi ndikazzjoni ta' din il-Formazzjoni (5). Illum minn dan il-ġnien ma baqa' xejn u l-Fondazzjoni hi f'idejn il-Gvern bħall-proprjetà kollha ta' l-Ordni ta' San Ġwann, iżda kif toħroġ mill-bieb ta' wara tal-ġnien Romeo Romano, għajnejk imorru dlonk fuq bieb ta' razzett li fuqu hemm iskrizzjoni li tfakkar din il-Fondazzjoni. L-iskrizzjoni tgħid hekk:

**FOUNDATIONS**
**EM. AC. SER. PRINCIPIS**
**F. D. ANTOONIJ MANOEL DE VILHENA**
**MAGNI MAGISTRI**

(Mill-Fundazzjoni ta' l-Eminentissmu u Serenissmu Prinċep il-Gran Mastru Fra Dun Antonio Manoel de Vilhena.

Fejn tinsab din l-irħama ftit jidher l-iskop tagħha. Niskanta kif għadha teżisti sal-lum meta għaddew daqstant snin u nibża li tista' tinqered. X'aktarx jaqbel li meta jasal iż-żmien li jinħatt dak il-ġebel qadim, tinbena fil-viċin xi ħaġa, bħal arkata u fuqha titqiegħed din l-irħama biex tibqa tifkira ta' din il-Fondazzjoni Manoel.

1. Ferres Achille, Descrizione della Chiesi di Malta e Gozo, 1866, pp. 331-332.
2. Ibid.
3. Libr. Nazz. Fondazione Manoel. Tras. A, Ms. 23.
   pp. 289-292, 297-303, 305-310, 313-316.
4. Libr. Nazz., Repertorio Fondazione Manoel, Treas. A Ms. 26, pp. 21-40.
5. Libr. Nazz., Cabreo della Fondazione Manoel Tomo 2, Treas. B, Ms. 311. pp. 26, 50.